C/2025/4356

30.7.2025

Avviż għall-attenzjoni tal-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1575 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2309, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1576 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti

(C/2025/4356)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-entitajiet li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319 ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1575 ([2]), u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/2309 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1576 ([4]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti.

L-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2022/2309, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1576, jeħtieġ li l-entitajiet iridu jirrapportaw fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-elenkar fl-Anness I, fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru li jappartjenu lilhom, huma proprjetà tagħhom, jinżammu jew huma kkontrollati minnhom, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk il-fondi jew riżorsi ekonomiċi. Huma jridu jikkooperaw mal-awtorità kompetenti nazzjonali fi kwalunkwe verifika ta' tali informazzjoni. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi ser titqies bħala ċirkomvenzjoni tal-miżuri dwar l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi.

L-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata trid tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti, permezz tas-sit web tagħha kif indikat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2022/2309, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2025/1576.

([1]) ĠU L 307, 28.11.2022, p. 135.
([2]) ĠU L, 2025/1575, 29.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1575/oj.
([3]) ĠU L 307, 28.11.2022, p. 17.
([4]) ĠU L, 2025/1576, 29.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1576/oj.